MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 188/2007

**Avviz Numru 188/07CSH**

**B.A.S. Ltd**

**V**

**Rosalie Darmanin**

**Il-Qorti:-**

Rat r-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2007 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn hames mija erbgha u sittin lira tmienja u sittin centezmu maltin (LM2564.68) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lilha fuq ordnjiet taghha stess skond prospett anness mar-rikors u mmarkat Dok 'A'.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li tibqa minn issa ngunta 'n subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2007 skond kopja tal-gazzetta lokali *The Malta Independent* esebita fl-atti a fol. 14, u fil-gazzetta tal-Gvern datata il-hdax (11) ta' Settembru 2007 skond kopja esebita fl-atti a fol. 12, oltre li giet notifikata bl-affissjoni fir-residenza Flat 5, No 44. Amery Street Sliema nhar it-tnax (12) ta' Settembru 2007, u kopja ta' l-avviz gie wkoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, Sliema u lill-Kunsill Lokali, Sliema nhar it-tnax (12) ta' Settembru 2007 (fol. 10).

Rat illi fis-seduta tas-sitta (6) ta' Novembru 2007 l-intimata giet imsejjha tlett darbiet, izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn hames mija erbgha u sittin lira tmienja u sittin centezmu maltin (LM2564.68) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------